**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Gilbert Farrugia**
**Matthew Farrugia**
**Jean Pierre Farrugia**

**Kumpilazzjoni numru 936/2012**

**Illum 18 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Gilbert Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117986 (M), **Matthew Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 379189 (M) u **Jean Pierre Farrugia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 344089 (M) billi huma akkuzati talli:

Nhar is-16 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 12:00pm fi Triq Pawl Farrugia, Hal Qormi, hebbew ghal Melvin Magri u kkagunawlu griehi ta' natura gravi;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe' fuq il-vettura tat-tip Volkwagon Polo bin-

numru ta' registrazzjoni LYN 087 liema hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1164.69), imma izjed minn mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), ghad-detriment ta' Melvin Magri u/jew Lydsey Sue Abela u/jew persuni ohra.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputati Matthew Farrugia u Jean Pierre Farrugia.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**PRELIMINARI**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu rejati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont

kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-process penali. Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li ma humiex prevvisti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bazi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuzi li jkunu gew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kienitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk

dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jigi rilevat li l-allegat vittma, w cioe' Melvin Magri xehed fl-10 ta' Ottubru 2013 u 16 ta' Aprtil 2015 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegat vittma jixhed u jispjega f'aktar dettall ir-rapport li kien ghamel fil-konfront tal-imputati lill-pulizija esekuttiva, w tnejn mill-imputati ghalkemm m'huwiex obbligati li jixhdu iddeciedew li jixhdu. Jinghad ukoll f'dan l-istadju li l-imputati m'huwmiex tenut li jressqu l-ebda prova sabiex jipprovaw l-innocenza taghhom, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju jkun dak dettat mir-raguni.'

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**Fatti tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghas-16 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 12.00 pm fi Triq Pawlu Farrugia f'Hal Qormi fejn qieghed ikun allegat li t-tliet imputati hebbew ghal Melvin Magri u kkagunawlu griehi ta' natura gravi u dan wara li fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014 gew ipprezentati akkuzi godda fil-konfront tal-imputati stante li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni billi l-kelma 'hafifa' giet sostitwita bil-kelma 'gravi'. L-

imputati jinsabu akkuzati ukoll li kkagunaw hsara volontarja fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LYN097.

Ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jikkonsistu fis-segwenti:

Id-dentist **Antoine Attard** xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 li huwa kien ezamina lil *parte civile* fejn sab li huwa kellu sinna *fractured*. Jispjega li hadlu x-ray fejn irrizulta li s-sinna diga` kienet mimlija minn qabel u dan kif jirrizulta mill-x-ray esebit. (Dok. AA1 *a fol.* 20). Id-dentist spjega li huwa stess kien ghamel il-*filling* fis-sinna tal-*parte civile* u dan peress li s-sinna kienet imhassra.

Ir-rapprezentant ta' Transport Malta**, Stephen Cachia**, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 xehed li fid-data ta' l-incident il-vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni LYN 087 kienet registrata fuq Lyndsay Sue Abela, li fil-process irrizulta li kienet it-tfajla tal-*parte civile* Melvin Magri.

**PS 1240 J. Camilleri** fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 xehed li Melvin Magri mar jirrapporta l-ghassa fis-16 ta' Dicembru 2010 fejn qal li ghal habta ta' nofsinhar mar ikellem l-i*sprayer* tieghu u x'hin rega' mar ghal vettura tieghu (LYN 087) avvicinah Gilbert Farrugia li staqsieh ghaliex kien irrappurtah. Skont l-istess xhud Melvin Magri wiegeb lil Gilbert Farrugia billi qallu li ma kienx irrapporta lilu izda lil missieru. Melvin qallu wkoll li mill-bini ta' kostruzzjoni hargu Matthew u Jean Pierre Farrugia. L-istess xhud ikkwota wkoll dak li qalu Matthew u Jean Pierre Farrugia u cioe` li kienu raw lil Melvin ihares bl-ikrah lejn Gilbert u ghalhekk marru hdejhom. Skont Matthew u Jean Pierre Farrugia, Melvin Magri saq bil-karozza fejn laqat sieq ta' trakk li kien hemm fit-triq u minn hemm qabdu jiggieldu fejn Jean Pierre Farrugia spicca garrab griehi f'wiccu. Il-pulizija ghamlu verifika tad-daqqiet mal-vettura u kkonfermaw li kien hemm hsara fuq il-mera, kif ukoll daqqiet zghar fuq in-naha tax-xufier. In **kontro ezami** x-xhud ikkonferma illi kienu inhargu akkuzi kontra Melvin Magri izda ma kienx jaf l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

It-tabib **Kenneth Vassallo** xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2013 fejn qal li Melvin Magri ilmenta b'ugiegh fuq iz-zewg nahat ta' wiccu. Minkejja dan l-istess tabib ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda nefha. Ix-xhud kompla jghid illi kieku kien hemm nefha kien inizzel dan il-fatt fic-certifikat. Xehed ukoll illi l-griehi huma ta' natura hafifa. In **kontro ezami** t-tabib spjega li fic-certifikat kiteb li kien hemm griehi hfief mhux ghax ra xi haga izda ghax Melvin Magri ilmenta li kellu ugiegh: *"Hu beda jilmenta b'ugigh fuq wiccu. Issa jiena ma rajt xejn." … "Jien ma rajt xejn fizikament."* (a *fol.* 39). Ix-xhud spjega li huwa nizzel hekk fuq ic-certifikat sabiex ikun hemm speci ta' kontinwazzjoni meta Melvin Magri jmur ghand id-dentist.

Il-*parte civile* **Melvin Magri** xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2013 fejn qal li sena qabel huwa kellu argument ma' Gilbert Farrugia fejn spicca ghamel rapport kontra Gilbert u missieru. Dakinhar tal-akkadut qal li mar ghand l-i*sprayer* bil-karozza tat-tfalja tieghu. Meta lesta mill-i*sprayer* qal li dahal fil-karozza. Melvin Magri xehed illi kien sema lil xi ħadd jgħidlu 'mortli l-għassa dak inhar purċinell?'. U ra lill-imputat Gilbert Farrugia sejjer fid-direzzjoni tiegħu.

Il-*parte civile* xehed li prova jinjorah u meta sstartja l-karozza gew iz-zewg imputatu l-ohra minn go blokk ta' bini fejn kienu qed jaghmlu xi xoghol.

Il-*parte civile* qal li huwa ma setax isuq peress li l-imputati kienu mdawwrin mal-vettura fejn bdew jaghtu daqqiet ta' sieq lill-vettura u tawh daqqa ta' ponn.

Magri jgħid illi bid-daqqiet li qala kienet inkisritlu sinna 'taw daqqa ta' ponn lili u kissruli sinna.' Ix-xhud qal li kien baqa sejjer l-għassa jagħmel rapport mill-ewwel. Ix-xhud jgħid illi l-mera tal-karozza ra lil Matthew Farrugia ikissirha. Jgħid 'il-mera naf min kissirha jien, rajtu b'għajnejja, il-mera kissirha tan-nofs b'daqqa ta' ponn...'. L-imputat li kien fin-nofs ġie identifikat bħala Matthew Farrugia. Jispjega kif inkisret il-mera, u ċioe b'daqqa ta' ponn 'l isfel għal fuq il-mera.

Magri jgħid ukoll illi l-imputati Jean Pierre u Matthew, ma kellhomx x'jaqsmu mad-diskors li kien qed jiġi skambjat bejnu u l-imputat Gilbert Farrugia. Ix-xhud qal li '....niżlu t-tnejn l-oħra minn ġo blokk ta' bini fejn kienu qed jagħmlu xi xogħol...' (*a fol* 46). Iżid, '...tlaqt min fuq il-post għax żammewhom in-nies u bqajt sejjer l-għassa nagħmel rapport bħall-aħħar darba.'

Il-parte civile (*a fol* 47) jghid li huwa telaq minn fuq il-post ghax in-nies zammew lill-imputati fejn baqa' sejjer l-ghassa bhal l-ahhar darba, 'Le jiena soqt minħabba li kien hemm raġel ieħor magħhom, ma nafx min kien, li ġie iżomm lilhom stess jiġifieri, b'hekk stajt nitlaq għax jien ma stajtx nitlaq minn fuq il-post għax daru mall-karozza u ma stajtx insuq bihom fin-nofs...'

Meta mistoqsi mill-avukat difensur (*a fol* 49), il-parte civile qal illi ma jaf lil ħadd mill-imputati għajr lil Gilbert Farrugia, u l-anqas jaf lil persuna li skond hu kien żamm lill-imputati milli jkomplu jaggreduh.

Il-*parte civile* qal ukoll li wara l-akkadut attenda seduta ta' arbitragg imbaghad mar il-polyclinic.

In **kontro ezami** x-xhud kkonferma li din il-verzjoni kien taha wkoll fil-kawza fejn huwa kien akkuzat u kkonferma wkoll li huwa instab hati.

**Lyndsay Sue Abela** li rrizulta fil-process li hija s-siehba tal-*parte civile* xehdet fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2013 fejn qalet li hija kienet silfet il-vettura taghha lil Melvin Magri f'Novembru ta' tlett snin ilu fejn gie lura biha filghodu kollha daqqiet. Ix-xhud qalet illi din il-vettura kienet bieghitha bl-allegati daqqiet. Fix-xiehda taghha hija obbligat ruhha li ggib id-dettalji tal-persuna li kienet xtrat il-vettura taghha b'dawn id-daqqiet. Waqt il-**kontro ezami** fis-seduta tas-16 ta' April 2015 Lyndsay Sue Abela qalet li ma sabitx id-dettalji tax-xerrej tal-vettura taghha. Fl-istess seduta x-xhud qalet li l-vettura taghha kienet diga` ghal bejgh qabel ma gara l-incident.

L-ufficjal prosekutur originali f'dan il-kaz l-**<u>Ispettur Tony Cachia</u>** xehed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014 fejn qal li Melvin Magri qal li bdew ituh l-imputati kollha u anke li kkagunaw hsarat fuq il-vettura, l-imputati qalu li kien Melvin Magri li stedinhom ghall-glied u l-hsarat gew ikkagunati minnu stess meta saq minn fuq il-post. L-Ispettur qal li l-verzjonijiet ta' l-ahwa Farrugia huma simili waqt li l-verzjoni ta' Melvin Magri tikkontradixxi l-verzjoni tal-imputati. L-Ispettur in **<u>kontro ezami</u>** qal li ghall-ewwel il-kaz kien ser jitmexxa sommarjament izda minhabba l-ammont tal-hsara li allegatament saret fuq il-karozza kellu imbaghad jitmexxa b'kumpilazzjoni.

Xehdu ukoll **<u>Roderick Borg</u>** u **<u>Rupert Tonna</u>** li qalu li d-dokument esebit *a fol.* 52 jikkonsisti fi stima.

Id-difiza resqet bhala prova lil tnejn mill-imputati. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 l-imputat **<u>Matthew Farrugia</u>** qal illi hu, u l-imputati l-ohra Gilbert u Jean Pierre Farrugia jahdmu fil-kostruzzjoni. Dakinhar meta gara l-akkadut kienu qed jaghmlu saqaf fejn hu kien qed iwitti l-konkos, Jean Pierre kien qed jaghmel is-sinjal fuq mentri Gilbert kien qed isuq il-krejn. Qal li f'daqqa wahda meta l-bajla kienet gejja bil-konkos sema' l-ghajjat fejn hu u Jean Pierre meta ttawwlu 'l isfel raw wiehed b'karozza Polo li kien ghalaq it-triq magenb il-krejn. L-imputat spjega li l-krejn taghhom kien faccata l-blokk fejn kienu qed jahdmu fejn setghet tghaddi karozza wahda biss. Xehed ukoll li minn fuq ra t-triq maghluqa u xi hadd jillitika ma' Gilbert. Dak il-hin il-krejn waqaf u allura nizel isfel ma' huh Jean Pierre. Stqarr illi malli nizlu sabu l-karozza Polo qed issuq ghal fuqhom. Jghid li kien hemm erba' metri distanza u fil-fatt kemm kemm zgiccaw il-mewt. Jghid li kien imnalla li kien hemm is-sieq tal-krejn ghal inkella Melvin Magri kien jolqothom u fil-fatt il-*parte civile* habat gos-sieq tal-krejn. Dak li hin Jean Pierre u Matthew Farrugia marru jigru hdejn it-tieqa tal-vettura ta' Melvin Magri fejn tlewmu ghal ftit sekondi u Melvin Magri harab bil-karozza. Wara baqghu jahdmu u meta gew il-Pulizija fuq il-post qalulhom l-istorja kif sehhet. Matthew Farrugia jghid li lil Melvin Magri kemm forsi messu ghaliex il-*parte civile* fil-vettura kien u wara ftit sekondi harab. Matthew Farrugia kkonferma li Gilbert Farrugia qatt ma nizel minn gol-krejn. L-

imputat spjega wkoll ra lil Melvin Magri jxejjer idu ‘l barra mill-vettura fejn beda jghajjat “din ma waqfitx hawn!” L-imputat xehed li Jean Pierre garrab griehi fuq wiccu peress li Melvin Magri tah daqqa meta beda jxejjer idu barra mit-tieqa.

L-imputat **Jean Pierre Farrugia** kkonferma dak li qal Matthew Farrugia fejn ukoll qal li hekk kif hu u Matthew Farrugia nizlu isfel, Melvin Magri saq ghal fuqhom u kieku ma kienx hemm is-sieq tal-krejn fin-nofs Melvin kien jidhol go fihom. Jean Pierre Farrugia zied illi malli ra hekk huwa mar hdejn it-tieqa tal-vettura biex jara ghaliex Melvin saq ghal fuqhom u kif resaq hdejn it-tieqa qala' daqqa ta' ponn minghand l-istess Melvin Magri. Qal li kien huwa li mar l-ewwel hdejn it-tieqa u warajh kien hemm huh Matthew. L-imputat spjega li Gilbert kien baqa' fil-krejn u qatt ma nizel.

**Sottomissjonijiet tad-difiza**

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tattakka x-xhieda li ta l-*parte civile* Melvin Magri:

> *Fis-seduta tas-16 ta' April 2015 in kontro-ezami Melvin Magri jinqabad jkkontradixxi lilu nnifsu f'diversi okkazjonijiet. Ikkontradixxa lilu nnifsu meta qal li ma kienx istartja l-vettura tieghu u li ma kienx irrisponda lil Gilbert. Qal ukoll li kienu erbgha persuni li bdew ituh id-daqqiet. In kontro-ezami l-parte civile sahansitra biddel id-diskors li allegatament qallu Gilbert Farrugia. Apparti minn hekk Melvin Magri l-ewwel qal li huwa fl-ebda hin ma ta l-ebda daqqa u ezattament wara jghid forsi tahom daqqa sabiex jiddefendi ruhu: "x'tippretendi iddefendejt ruhi dik li ghamilt jien". (fol. 97 tal-process). Jinqabad jikkontradixxi ruhu darb'ohra meta jghid li huwa appella s-sentenza fejn huwa instab hati izda fil-verita` qatt ma gie intavolat l-ebda appell. Il-parte civile kkonferma li l-griehi li sofra kienu fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u huwa darrab dawn il-griehi waqt li kien qieghed fil-vettura. Jghid ukoll li meta mar il-polyclinic*

*huwa kellu l-hmura fuq wiccu: "mela ma kellix, hmura, heqq kieku ma ccertifikanix it-tabib hux kieku ma kelli xejn." (fol. 99 tal-process). Il-parte civile kkonferma li huwa telaq minn fuq il-post b'girja ghaliex ipprova jahrab.*

Id-difiza ssostni li l-ewwel akkuza hija bbazata fuq allegazzjoni tal-*parte civile* li b'konsegwenza ta' daqqa ta' ponn ta' xi hadd mill-akkuzati inkisritlu sinna[1] u b'hekk awtomatikament jidher li l-prosekuzzjoni kkonkludiet li dan b'xi mod jista' jikkostitwixxi oggett permanenti u sfregju fil-wicc. Minkejja li l-prosekuzzjoni pproduciet lid-dentist Antoine Attard, li x-xhieda tieghu tinsab *a fol* 17 tal-process, ma ngabet ebda prova sodisfacjenti f'dina l-kawza, lanqas permezz ta' certifikat mediku, li l-*parte civile* effettivament soffra u qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi.

Id-difiza kompliet issostni u l-Qorti taqbel maghha illi anke jekk *addirittura* l-prosekuzzjoni f'kawza tressaq prova permezz ta' tabib li l-griehi huma klassifikati bhala gravi, xorta wahda l-konkluzjoni ahharija dwar in-natura jew klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn xi persuna, ghall-skopjijiet kriminali, tispetta lill-gudikant u mhux lit-tobba li jkunu ezaminaw lill-persuna koncernata, b'mod li l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba b'hekk jispetta lill-Qorti sabiex tiggudika u tasal ghall-konkluzjoni dwar in-natura tal-griehi allegatament sofferti.

Illi dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Francis Dingli**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, fejn il-Qorti qalet hekk :-

*'….ghall-finijiet tal-artikolu 216, jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant…..u dan kien perfettament*

[1] Qabel l-incident diga` kien sar intervent fuq l-istess sinna

*intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti'.*

**Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni**

Il-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni:

*U allura, il-prosekuzzjoni tistaqsi, ġaladarba ma kienx hemm argument, ġaladarba l-imputat l-ieħor Gilbert, ħu Jean Pierre, ma kienx f'xi periklu, għal liema raġuni Jean Pierre u Matthew iddeċidew li kellhom jinżlu minn fejn kienu qed jaħdmu. Għal liema raġuni, ħassew li setgħu iħallu s-saqaf konkos li kienu qed jagħtu, jiġrilu l-ħsara, u jinżlu isfel viċin tal-parte civile?*

*Matthew fix-xhieda tiegħu jgħid.... ' Malli inżilna ġol-bieb insibu l-karozza Polo hekk u qiesu, kien hemm erbgħa metri, naraw din il-Polo saqet għal fuqna...' Ikompli jgħid ' dan il-ħin Jean Pierre mar jiġri ħdejn it-tieqa tiegħu u jien mort niġri warajh...'*

*Jean Pierre jgħid 'u kif inżilna isfel f'daqqa u l-ħin saq għal fuqna...... imagħad mort lejn it-tieqa jien, u kif ersaqt lejn it-tieqa daqqli daqqa ta' ponn'.*

*U hawnhekk, il-prosekuzzjoni, fid-dawl ta' din il-verżjoni mogħtija b'ġurament, ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi meta x-xhieda qed jgħidu li il-parte civile saq għal fuqhom, kien hemm distanza ta' erbgħa metri, u kienu 'ġol-bieb'. Ma kienux fit-triq biex il-parte civile saq għal fuqhom, imma skond huma, biex itajjarhom, Melvin Magri kellu isuq għal gol-ħajt fejn kienu huma.*

*Jekk skond ma xhedu dawn iż-żewġ imputati u li huma ukoll xhieda okulari tal-fatti, beżgħu li ser joqtolhom, kif qalu t-tnejn li huma fix-xhieda tagħhom, għal liema raġuni Jean Pierre, ħu Gilbert, mar jigri wara l-parte civile u mar lejn it-tieqa tiegħu, hu li kien qed jibża tant li ftit sekondi qabel, il-parte civile kien ser joqtlu?*

*Għall-mistoqsija tal-prosekuzzjoni, Jean Pierre Farrugia jirrispondi illi l-parte civile '...imma dak kellu argument ma' ħija qabel'. Mela allura,*

*r-risposta tiġi waħedha. Kien jaf ben tajjeb Jean Pierre, min kien Melvin Magri. Kien jaf ben tajjeb li ħuh Gilbert kellu xi jgħid miegħu, ma' Melvin.*

*Għall-mistoqsija oħra tal-prosekuzzjoni u ċioe jekk Jean Pierre Farrugia kienx mar bil-kelma t-tajba biex ikellem lil Melvin Magri, l-istess Jean Pierre jirrispondi 'ifhem li saq fuqek bis-saħħa ma naħsibx li ħa tmur tgħidlu hello'. Infakkar lil din l-Onorabbli Qorti, illi d-distanza li taw iż-żewġ imputati li xehdu taħt ġurament kienet dik ta' erbgħa metri!! Vettura Polo misjuqa mill-parte civile Sur Maġistrat, li l-anqas kienet il-vettura tiegħu, imma tat-tfajla tiegħu ( u dan kif joħroġ mix-xhieda a fols 46 u 24), kemm tista' twassal biex tkun qed tinstaq b'veloċita tant qawwija?*

*[...]*

*Ta' min jiġbed l-atenzjoni ukoll, illi s-surġent 1240 J. Camilleri, ivverifika (a fol 35) il-ħsarat li kien hemm fuq il-vettura Polo bin-numru ta' reġistrazzjoniLYN087, li kienu mera, u daqqiet zgħar fuq in-naħa tax-xufier. Jean Pierre Farrugia, xehed iżda għall-mistoqsijiet tal-prosekuzzjoni, 'smajt xi ħaġa tfaqqa' imma ma nafx x'għamel eżatt.... jekk laqtilha, l-ġenb. Jekk laqtiha bil-fors il-ġenb' U dan skond hu għax '....qed ngħidlek, imnalla kien hemm is-sieq tal-crane għax jolqotna kien żgur.'*

*Terġa toħroġ il-mistoqsija waħedha Sur Maġistrat.... Jekk il-parte civile kien qed isuq b'velocita tant li, li kieku ma kienx hemm sieq il-crane, skond l-imputat, kien jolqothom, u b'veloċita tant qawwija li laqtilha l-ġenb, meta s-surġent 1240 għamel il-verifika tal-ħsarat, kif ra biss daqqiet zgħar mal-karozza u ukoll il-mera, li hi ħafna iktar fil-għoli mis-saqajn tal-crane?*

**Telf ta' sinna**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza fit-12 ta' Settembru 1996 mill-Imhallef Vincent De Gaetano fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Paul Spagnol** fejn dwar it-telf ta' sinna inghad hekk :-

> *'Huwa veru li sinna mhux parti mill-wicc ghalkemm it-telf ta' hafna snin jista' jgib kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fuq ir-regjun tal-halq'*

Illi wkoll issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il**-Pulizija vs Carmel Caruana, Raymond Farrugia u Luke Farrugia** deciza fit-22 ta' Gunju 2011 fejn il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li bil-ksur ta' zewg sinniet ma jistax jinghad li l-kwerelant sofra xi sfregju fil-wicc. Il-Qorti presjeduta mill-kollega l-Magistrat Dr Doreen Clarke, qalet hekk :-

> *'Lanqas pero ma jista' jigi stabbilit li dak li ddeskriva l-Professur Hector Galea jista' jinkwadra ruhu f'wahda mill-ipotezi l-ohra elenkati fl-artikolu 216. Ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tasal ghall-konkluzzjoni li, ai fini ta' responsabbilita kriminali, il-feriti sofferti minn Bruno ghandhom jigu klassifikati bhala ta' natura hafifa.'*

Illi b'dan sottomess, jirrizulta li l-allegati griehi sofferti mill-*parte civile* ma jistghu qatt jigu meqjusa bhala griehi ta' natura gravi, l-aktar li t-tliet imputati jew xi hadd minnhom jistghu jinstabu hatja huwa li kkagunaw biss lill-*parte civile* griehi ta' natura hafifa.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jiskatta l-principju *il piu' comprende il meno*, fejn jekk tinstab htija, l-imputati jew xi hadd minnhom ikunu hatja li kkommetta r-reat ta' offiza hafifa ai termini ta' Artikolu 221(1) tal-Kap. 9.

**Konflitt ta' provi**

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni

ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg verzjonijiet meta m'hemmx xhieda indipendenti li setghu raw l-incident isehh.

II-Qorti ttenni li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l- kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet

> *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-*

*Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud, *" id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix- xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ."*

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Feriti ta' Natura Gravi - Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta )**:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputati jinsabu addebitati bl-imputazzjoni ta' offiza gravi fuq il-persuna kontemplata fl-Artikoli 216 tal-Kodici Kriminali u dan fuq il-persuna ta' Melvin Magri.

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputati ghall-feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni

generika li jikkawzaw xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghall-komportamenti u dizappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Carrara jiddeskrivi l-offiza gravi fuq il-persuna bhala:

> *'la lesione personale e' dolosa tastoche all'animo di nuocere all'altrui persona va congiunta o la volonta' precisa di offenderla, o la presunta previsione attuale che dall'atto incriminato fosse per risultarne la offesa alla persona'.*

Il-Gurista Manzini jiddefinixxi l-intenzjoni tal-offiza gravi bhala:

> *'Il dolo del delitto di lesione personale consiste nella volonta e' coscienza libera e nell'intenzione di colpire una persona'.*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-30 ta' Marzu 1998 jinghad li:

> *"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu."*

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu ighid:

> *"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring*

*necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."*

imbaghad izid hekk:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo".*

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputati irnexxielhom jipprovaw sal-grad tal-probabbli li huwa ma kkagunax griehi ta' natura gravi jew griehi ohra lill-kwerelant.

*Di fatti,* riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-Qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".*

Il-verzjoni tal-fatti moghtija f'dawn il-proceduri joholqu dubju ragonevoli dwar kif sehh l-incident, min ipprovokah u min kien responsabbli ghal griehi u hsarat li saru.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni minnha migjuba fil-konfront tal-imputati sal-grad rikjest mill-ligi.

**<u>It-tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Hsara Volontarja - Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li ghamlu hsara volontarja fuq il-vettura tas-siehba tal-*parte civile*.

Dwar it-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti se taghti ragun lill-imputati meta jghidu illi ma ngabitx dik il-prova li turi li l-kwerelant soffra hsara fl-ammont minnu pretiz. Il-kwerelant ma esebietx ircevuta tal-hsarat dwar dan izda biss stima kkonfermata minn Roderick Borg u Rupert Tonna li qalu li d-dokument esebit *a fol.* 52 jikkonsisti fi stima.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (App Krim 24.2.2003) rriteniet illi stima ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Il-Qorti se tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u konsegwentement tilliberahom minnhom.

---

**Ft.\Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**